



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12456/21
ADD 1

ELARG 61
COWEB 113
DELECT 216

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Ottubru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2021) 7016 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESS għar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-istabbiliment ta' ċerti objettivi speċifiċi u prijoritajiet tematiċi għall-assistenza taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument C(2021) 7016 final - ANNEX.

Mehmuż: C(2021) 7016 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.10.2021
C(2021) 7016 final

ANNEX

ANNESS

għar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,
fir-rigward tal-istabbiliment ta' ċerti objettivi speċifiċi u prioritajiet tematiċi għall-
assistenza taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)**

ANNEX

L-oġġettivi speċifiċi u l-prijoritajiet tematiċi għall-assistenza, imsemmija fl-Artikolu 3(6) u stabbiliti speċifikament fl-Artikolu 3(3) punti (a) sa (m) u (r), u l-Artikolu 3(4), il-punti (a) sa (j), tar-Regolament (UE) 2021/1529 (IPA III) stabbiliti minn dan ir-Regolament Delegat, huma dawn li ġejjin:

(1) L-istabbiliment u l-promozzjoni minn stadju bikri tal-funzjonament xieraq tal-istituzzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi żgurat l-istat tad-dritt u jiġu kkonsolidati aktar l-istituzzjonijiet demokratiċi

- a) L-istabbiliment ta' sistemi ġudizzjarji indipendenti, responsabbli, imparzjali, professjonali, depolitizzati u effiċjenti, inkluż permezz ta' sistemi ta' reklutaġġ, evalwazzjoni u promozzjoni trasparenti u bbażati fuq il-mertu u proċeduri dixxiplinari effettivi f'każijiet ta' għemil ħażin, u li jippromwovu l-kooperazzjoni ġudizzjarja; l-iżgurar tal-aċċess għall-ġustizzja;
- b) It-tisħiħ tal-libertajiet fundamentali, inkluż il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-midja, il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni u l-protezzjoni tad-*data*;
- c) Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet tat-tfal u d-drittijiet ta' persuni li jaġhmlu parti minn minoranzi;
- d) Il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni;
- e) Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u l-iskambju ta' informazzjoni; l-iżvilupp ta' għodod effettivi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar tal-bnedmin u tal-armi tan-nar illeċiti, l-armi ħfief u ta' kalibru żgħir, it-traffikar tad-drogi, il-ħasil tal-flus/il-finanzzjament tat-terroriżmu; l-appoġġ għall-involviment mal-Unjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni.

(2) It-tisħiħ tal-kapaċitajiet biex jiġu ffaċċjati l-isfidi tal-migrazzjoni fil-livell reġjonali u internazzjonali u biex tkompli tiġi kkonsolidata l-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni

- a) Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti;
- b) L-iżgurar tal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, u t-tisħiħ tal-ġestjoni tal-ażil;
- c) It-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-ġestjoni tal-fruntieri, u fil-qasam tar-ritorn u r-riintegrazzjoni, u l-isforzi biex tiġi indirizzata l-migrazzjoni irregolari, inkluża l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin;
- d) L-indirizzar tal-ispostament sfurzat.

(3) It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-komunikazzjoni strateġika, inkluża l-komunikazzjoni lill-pubbliku dwar ir-riformi meħtieġa biex jintlaħqu l-kriterji tas-sħubija fl-UE

- a) L-appoġġ għal aktar żvilupp ta' litteriżmu tal-media u media indipendenti u pluralistika;
- b) Iż-żieda tar-reżiljenza tal-istat u tas-soċjetà għad-diżinformazzjoni u forom oħra ta' theddid ibridu, inkluż il-bini tal-kapaċità fil-qasam taċ-ċibersigurtà.

(4) It-tisħiħ tal-governanza tajba u r-riforma tal-amministrazzjonijiet pubbliċi f'konformità mal-prinċipji tal-amministrazzjoni pubblika

- a) It-tisħiħ tal-oqfsa tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż fil-qasam tal-akkwist pubbliku, it-titjib tal-ippjanar strateġiku u l-iżvilupp tal-politika u leġiżlattiv inklużiv u bbażat fuq l-evidenza;
- b) Titjib fil-professjonalizzazzjoni u depolitizzazzjoni tas-servizz pubbliku billi jiġu inkorporati prinċipji meritokratiċi;
- c) Il-promozzjoni tat-trasparenza u r-responsabbiltà, inkluż l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni;

- d) It-titjib tal-kwalità u t-twassil tas-servizzi, inklużi proċeduri amministrattivi adegwati u l-użu ta' Gvern elettroniku interoperabbli u ċċentrat fuq iċ-ċittadin;
- e) It-tisħiħ tal-ġestjoni finanzjarja pubblika u l-produzzjoni ta' statistika ta' kwalità tajba.

(5) It-tisħiħ tal-governanza fiskali u ekonomika

- a) L-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' riforma ekonomika (ERP) u l-kooperazzjoni sistematika mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali dwar il-prinċipji fundamentali tal-politika ekonomika u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet ekonomiċi;
- b) It-tisħiħ tal-kapaċità biex tissaħħaħ l-istabbiltà makroekonomika u l-koeżjoni soċjali;
- c) L-appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli u l-progress lejn ekonomija tas-suq li tiffunzjona;
- d) Progress lejn is-Suq Reġjonali Komuni tal-Balkani tal-Punent.

(6) It-tisħiħ tal-aspetti kollha ta' relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien, l-istabbiltà reġjonali u l-kooperazzjoni reċiproka

(7) It-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni u s-sħab tagħha biex jipprevjenu l-kunflitt, jibnu l-paċi, jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' qabel u ta' wara l-kriżi

- a) Il-promozzjoni ta' netwerking bejn il-persuni, ir-rikonċiljazzjoni, il-bini tal-paċi u miżuri għall-bini tal-fiduċja, twissija bikrija u analiżi tar-riskju sensittiva għall-kunflitti, inizjattivi li jippromwovu r-rikonċiljazzjoni, il-ġustizzja tranżizzjonali, it-tiftix tal-verità, il-kumpens u l-garanziji ta' nonrikorrenza;
- b) L-appoġġ għall-bini tal-kapaċità b'appoġġ għall-azzjonijiet tas-sigurtà u l-iżvilupp (CBSD).

(8) It-tisħiħ tal-kapaċitajiet, l-indipendenza u l-pluralità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali, inklużi l-assoċjazzjonijiet professjonali

- a) It-tisħiħ tal-kapaċità, l-indipendenza u l-pluralità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-għoti tas-setgħa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livelli reġjonali u lokali, inklużi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh;
- b) It-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali, inklużi l-assoċjazzjonijiet professjonali;
- c) L-inkoraġġiment tan-netwerking fil-livelli kollha fost l-organizzazzjonijiet ibbażati fl-Unjoni u dawk tal-benefiċjarji, li jippermettilhom jidħlu f' dijalogu effettiv mal-atturi pubbliċi u privati.

(9) Il-promozzjoni tal-allinjament tar-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki tal-benefiċjarji ma' dawk tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-ġhajjnuna mill-Istat

(10) Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet

- a) L-istabbiliment ta' ambjent aktar favorevoli għall-issodisfar tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet;
- b) L-indirizzar tal-forom kollha ta' vjolenza sessista, diskriminazzjoni u inugwaljanzi;
- c) Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni u t-tmexxija uguali tan-nisa u l-bniet, inkluż fit-tfassil tal-politika u tat-tehd tad-deċiżjonijiet;
- d) Il-promozzjoni tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru.

(11) It-tisħiħ fl-aċċess għall-edukazzjoni, għat-taħriġ u għat-tagħlim tul il-ħajja u l-kwalità tagħhom fil-livelli kollha, u l-offerta ta' appoġġ lis-setturi kulturali u kreattivi u l-isport.

- a) Il-promozzjoni ta' aċċess uguali għall-edukazzjoni u kura bikrija ta' kwalità tat-tfal, għall-edukazzjoni primarja u sekondarja, titjib fl-għoti tal-ħiliet bażiċi;
- b) Iż-żieda fil-livelli ta' kisba edukattiva, l-indirizzar tal-eżodu ta' mħuħ, it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola u t-tisħiħ tat-taħriġ tal-għalliema;

- c) L-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ vokazzjonali (VET) u l-promozzjoni ta' sistemi ta' taġħlim ibbażati fuq ix-xogħol biex tkun iffakilitata t-tranżizzjoni għas-suq tax-xogħol, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà;
- d) Titjib fil-kwalità u r-relevanza tal-edukazzjoni għolja;
- e) Inkoraġġiment ta' attivitajiet relatati mal-alumni;
- f) It-tisħiħ tal-aċċess għat-taġħlim tul il-ħajja u l-appoġġ għall-investiment fl-edukazzjoni u fl-infrastruttura tat-taħriġ aċċessibbli b'mod partikolari bil-ħsieb li jitnaqqsu d-disparitajiet territorjali u titrawwem edukazzjoni inklużiva mhux segregata inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji diġitali aċċessibbli.
- g) It-tisħiħ tal-kooperazzjoni fis-setturi kulturali, kreattivi u sportivi.

(12) It-trawwim ta' impjiegi ta' kwalità u l-aċċess għas-suq tax-xogħol.

- a) L-indirizzar tal-qgħad u l-inattività għolja billi tiġi appoġġata l-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol b'mod partikolari dik taż-żgħażaġh, in-nisa, il-persuni qiegħda fit-tul u l-gruppi sottorappreżentati kollha;
- b) Stimular tal-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u appoġġ għall-infurzar effettiv tar-regoli u l-istandards tax-xogħol;
- c) L-appoġġ għall-ugwaljanza bejn is-sessi u ż-żgħażaġh, il-promozzjoni tal-impjegabbiltà u l-produttività, l-adattament tal-ħaddiema u l-intrapriżi għall-bidla, l-istabbiliment ta' djalogu soċjali sostenibbli u l-modernizzazzjoni u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol bħas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u l-ispettorati tax-xogħol.

(13) Il-promozzjoni tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar.

- a) L-immodernizzar tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali biex tiġi pprovduta protezzjoni effettiva, effiċjenti u adegwata matul l-istadji kollha tal-ħajja ta' persuna;
- b) Il-promozzjoni tat-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura bbażata fuq il-familja u l-komunità;
- c) It-trawwim tal-inklużjoni soċjali, il-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs u l-indirizzar tal-inugwaljanzi u l-faqar;
- d) L-integrazzjoni tal-komunitajiet emarġinati bħar-Rom;
- e) Il-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni;
- f) It-titjib fl-aċċess għal servizzi affordabbli, sostenibbli u ta' kwalità għolja, bħall-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, is-settur tal-abitazzjoni, il-kura tas-saħħa, servizzi soċjali essenzjali u kura fit-tul, inkluż permezz tal-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali.

(14) Il-ħarsien tal-ambjent u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent

- a) L-indirizzar tad-degradazzjoni ambjentali, u t-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità;
- b) Il-promozzjoni tal-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi terrestri u tal-baħar u tar-riżorsi naturali;
- c) L-investiment fil-kwalità tal-arja, il-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart u l-ġestjoni sostenibbli tas-sustanzi kimiċi;
- d) Il-promozzjoni tal-effiċjenza tar-riżorsi, il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli u l-indirizzar tat-tniġġis;
- e) L-appoġġ għat-tranżizzjoni lejn ekonomiji ekoloġiċi u ċirkolari, il-kontribut għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, iż-żieda tar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, il-promozzjoni tal-governanza u l-informazzjoni dwar l-azzjoni klimatika, u l-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija;
- f) Il-promozzjoni ta' politiki li jappoġġaw il-bidla lejn ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, sikura u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, l-effiċjenza enerġetika u t-tisħiħ tar-reżiljenza għad-diżastri kif ukoll il-prevenzjoni, it-thejjja u r-rispons għad-diżastri.

(15) Prijoritajiet tematiċi għall-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-benefiċjarji tal-IPA III

- a) Il-promozzjoni tal-impjiegi, il-mobilità tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali u kulturali bejn il-fruntieri;

- b) Il-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji u l-promozzjoni tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli;
- c) Il-promozzjoni ta' trasport sostenibbli u t-titjib tal-infrastrutturi pubbliċi;
- d) Il-promozzjoni tal-ekonomija u s-soċjetà diġitali;
- e) L-inkoraġġiment tat-turiżmu, speċjalment it-turiżmu sostenibbli, u l-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali u naturali;
- f) L-investiment fiż-żgħażaġħ, l-isport, l-edukazzjoni u l-ħiliet;
- g) Il-promozzjoni tal-governanza lokali u reġjonali u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-ippjanar u amministrattiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;
- h) Il-promozzjoni ta' inizjattivi transkonfinali biex jitrawmu r-rikonċiljazzjoni u l-ġustizzja tranżizzjonali;
- i) It-tisħiħ tal-kompetittività, l-ambjent tan-negozju u l-iżvilupp ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-kummerċ u l-investiment;
- j) It-tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni u t-teknoloġiji diġitali.